**Spirtu s-Santu**

Illum f'jum il-festa tiegħek
Meta nżilt b'setgħa fuq l-aħwa,
Emmiena f'Ġesù l-Imgħallem
Li għalina sar il-qawwa.

Spirtu s-Santu Alla tagħna
Illum iwa tant nitolbuk,
B'dawk il-kelmiet fqajra, ċkejkna
Idħol fi qlub li tant iqimuk.

Int Spirtu ta' mħabba, għaqda
Li l-firda żgur ma taħmilhiex,
Ibqa' sus wara min telqek
ruħhom mitlufa tħallihiex.

Fejjaq lil dawk l-inkurlati
Għal ħuthom bl-akbar mibgħeda,
Spirtu ta' mħabba u maħfra
Waqqaf 'l-moħħ li fid-dnub jehda.

Imlieh sew bi ħsibijietek
Għerq ta' għerf u milja tas-sliem,
Fakkru l-imqarraq mingħajrek
Qatt ma jista' kwiet imkien.

Għax imqar jekk imur jorqod
U jaħseb li fil-fond jistrieħ,
Toqol il-kuxjenza tiegħu
Mir-raqda jqajmu minnufih.

O Spirtu kollok imħabba
l-ogħla, l-ifjen, l-isbaħ ħlewwa,
imliena bil-grazzja tiegħek
begħedna mill-imrar u d-dnewwa.

Fakkarna Mgħallem wisq għaref
Jiemna maħruba hawn fuq l-art,
Melliesna dlonk bi qdusietek
Ħa nindmu qabel ikun tard.

Għax wara mewtna jispiċċaw
Il-grazzji tas-salvazzjoni,
Jibqagħlna biss hemm quddiemna
Il-kastig t'indannazzjoni.

Imbagħad l-ebda w l-iċken skuża
Mhu ħa ddawwar l-aħrax verdett,
Tinstama' biss il-kundanna

Il-ġudizzju se jkun wisq rett.

O Spirtu ta’ vera ndiema
Jiena u naqra dawn il-kelmtejn,
Miss lil qalbi ħa nqerr qrara
Nibqa’ fil-ħażen dan għalfejn?

L-ebda vendetta, flus, korla
M’hu se jtuni l-kuntentizza,
Jew jimlewli lill-qalbi
Żmieni issa qed jispiċċa.

Spirtu ta’ sabar u għaqal
Ibqa’ agħllimni tant nagħrbel,
Kull kelma li rrid inlissen
Kull għemil li nkun se nagħmel.

Spirtu s-Santu Feddej tiegħi
Jien nintelaq ferħan f’idejk,
Ngħidlek GRAZZI minn qiegħ qalbi
Qed tħarisni bi ħbub għajnejk!

Patri Mario Attard OFM Cap
28 ta’ Mejju 2023

Ibierkek Alla li jista’ kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.